**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 935/01**

**Giovanna sive Gina Borg**

**vs**

**Mario Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) ammont dovut bhala arretrati ta' manteniment.

Illi skond kuntratt ta' separazzjoni redatt u ppubblikat in atti tan-Nutar Carmel Gafa' datat 12 ta' Marzu 1998, il-konvenut kellu jhallas lill-attrici s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) fil-gimgha.

Illi dan il-manteniment kien jithallas mill-konvenut kull nhar ta' Hadd fir-residenza tal-attrici.

Illi bejn il-5 ta' Awwissu 2001 u d-9 ta' Settembru 2001 il-konvenut beda jhallas sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha flok mitt lira Maltin (Lm100) fil-gimgha.

Il-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240).

Bl-ispejjez u l-imghax inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ppresentati mal-avviz tat-talba u l-imghax mill-5 ta' Awwissu 2001 sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**